

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1206

tad-19 ta' Awwissu 2020

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1323 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur fl-Italja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 220(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-kuntest tat-tifqigħat ta' influwenza tat-tjur fl-Italja, il-Kummissjoni adottat żewġ Regolamenti dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1506 <sup>(2)</sup> ikopri t-tifqigħat bejn it-30 ta' April 2016 u t-28 ta' Settembru 2017 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1323 <sup>(3)</sup> ikopri t-tifqigħat bejn l-1 ta' Ottubru 2017 u t-30 ta' Ġunju 2018.
- (2) L-Italja għarrfet lill-Kummissjoni li matul l-applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti għadd ta' azjendi li kienu affettwati mit-tifqigħat qabel it-28 ta' Settembru 2017 u li ġew ikkumpensati fil-qafas tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1506 ġew affettwati wkoll minn restrizzjonijiet veterinarji fil-forma ta' għeluq obbligatorju kontinwu u telf ekonomiku li rriżulta wara t-28 ta' Settembru 2017 u li jaqgħu fil-perjodu ta' żmien kopert mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1323.
- (3) Il-Kummissjoni rċeviet talba formali mill-Italja biex tinkludi dawk l-impriżi fl-ambitu tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1323 biex tippermetti kumpens tat-telf ekonomiku kontinwu tagħhom lil hinn mit-28 ta' Settembru 2017. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1506 illimita l-eliġibbiltà għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni għan-nefqa li ħallset l-Italja lill-benefiċjarji sat-30 ta' Settembru 2019 filwaqt li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1323 għadu jippermetti pagamenti sat-30 ta' Settembru 2020.
- (4) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1323 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agricoli,

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1506 tal-10 ta' Ottubru 2018 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur fl-Italja (ĠU L 255, 11.10.2018, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1323 tat-2 ta' Awwissu 2019 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur fl-Italja (ĠU L 206, 6.8.2019, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1323 huwa sostitwit kif ġej:

*“Artikolu 1*

L-Unjoni għandha ttiprovdi finanzjament parzjali ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa mġarrba mill-Italja biex tappoġġa s-suq tal-bajd għat-tifqis, tal-bajd għall-konsum u tal-laħam tat-tjur li ġew affettwati serjament mill-45 tifqigħa tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5 li ġew identifikati u nnotifikati mill-Italja bejn l-1 ta' Ottubru 2017 u t-30 ta' Ġunju 2018 u t-tifqigħat innotifikati mill-Italja bejn l-20 ta' Lulju 2017 u t-28 ta' Settembru 2017 li wasslu għall-għeluq obbligatorju tal-azjendi wara t-28 ta' Settembru 2017.”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Awwissu 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---